# Il-Mosta Fiż-żmenijiet Tan-nofs – Xi Ħjiel Ta' Tagħrif Li Nsibu

Michael A. Sant B.A., B.A. (Hons), M.A.

## Il-Mosta u l-Irħula Tagħha

Ix-xhieda li wieħed jislet minn ismijiet ta' mkejjen Maltin turi li fiż-Żmienijiet tan-Nofs, jiġifieri għal xi sekli qabel il-miġja tal-Kavallieri ta' San Ġwann (1530), Malta kienet tiżgħad b'għadd kbir ta' rħula ċkejknin(1). Sa tmien is-seklu 14 għadd mhux ħażin minn dawn l-irħula kienu diġà għebu(2). X'uħud intemmu fix-xejn bil-ftit nies li kellhom, minn għaxar sa ħamsin ruħ, jabbandunaw ir-raħal għal imkejjen akbar. Irħula oħra nxtorbu minn irħula oħra qrib tagħhom. Uħud baqgħu jeżistu u kibru f'irħula kbar u f'xi każi wkoll f'parroċċi. Ħal Muxi u Ħal Dwin, ngħidu aħna, bdew jagħmlu sehem integrali minn Ħaż-Żebbuġ. Ħal Dejf beda jagħmel sehem min-Naxxar, Ħal Ramija (Ħarramija) inxtorob ġos-Siġġiewi, Ħal Sajjied f'Ħaż-Żabbar. Ħal Ġwann, Ħal Bisbud u Ħal Bisqallin illum jagħmlu sehem miż-Żejtun u x'aktarx ukoll illi Raħal Kalleja, Raħal Sir u Raħal Ħobla bdew jagħmlu sehem huma wkoll mill-Mosta(3). Fin-naħa ta' fuq ta' Malta, mill-Mosta 'l fuq ftit li xejn insibu minn dawn l-irħula, x'aktarx imħabba l-biża' mnissel mill-ħallelin tal-baħar. L-aktar irħula mbegħda fit-tramuntana tal-Mosta kienu t-tliet irħula żgħar ta' Dragu, Maricatu u Gazara ("għebel Għazara") impercin fuq l-għoljiet li jħarsu fuq Burmarrad u fuq Għajn Riħana. Imbagħad fit-tramuntana wkoll, biss eqreb lejn il-Mosta, konna nsibu iż-żewġ irħula ta' Bise ('l quddiem Pissa jew Pessa) u Dimag, din ta' l-aħħar qrib sewwa ta' Tarġa Gap tal-lum. Il-Mosta, mbogħod, imsibuha dejjem marbuta ma' raħal ieħor msemmi Calleja (Kalleja), x'aktarx traduzzjoni Taljana Ta' Wied il-Qlejgħa. Ħal Ħobla sa l-

## Appendix A

RHULA MALTIN FIL-MEDJUEVU

It-tqassim tal-popolazzjoni u ta' l-irħula ta'wara l-Għarab kien differenti milli hi llum.Kien hemm ħafna iktar irħula u ħafna minn dawn kienu tassew żgħar.

Ħafna minn dawn għebu kmieni.Ftit mir-ragunijiet setgħu kienu: 1.il-biza' ta' attakki tal-kursari li ġegħelhom jabbandunaw l-irħula qrib ix-xtut

2.in-nies kienu jaqilgħu x' jieklu mir-raba'.

3.epidemiji u faqar setghu naqqsu l-popolazzjoni u sfrattaw ħafna rħula żgħar.




*Riferenza*: G. Wettinger "The Lost Villages and Hamlets of Malta", A. T. Luttrell (Ed.) Studies on Malta before the Knights, (1975), p. 185

1419 kien diġa' spiċċa bħala raħal u beda jagħmel sehem minn Calleja / Musta[4]. L-aktar raħal imbiegħed fit-tramuntana ta' Malta kien il-Mellieħa, darba mgħammar bin-nies, iżda fiż-Żmenijiet tan-Nofs dan l-imkien, għalkemm insibuh imsejjah 'parroċċa' minħabba l-qima li l-Maltin kellhom lejn is-santwarju tal-Madonna, qatt fid-dokumenti ma jissejjah 'raħal' (casale). Kien tbattal min-nies minħabba l-biża' tal-kursari, bħal ma għedna.

## Appendix B

| TABLE II | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | 1419 | | 1480s | |
| Locality | No. of Men | Population Estimate | No. of Men | Population Estimate |
| Tartarni*/Dingli | 40 | 200 | 26 | 169 |
| Ghomiori | 25 | 100 | | |
| Diqqu/Ghazara/Mariknlu | 32 | 100 | | |
| Pessa/Dimech* | 33 | 16[illegible] | [illegible] | [illegible] |
| Gharghur/Sammut* | 43 | 215 | 51 | 332 |
| Naxxar | 92 | 460 | 125 | 813 |
| Naxxar/Musta* | | | 17 | 111 |
| Musta/Kalleja* | 62 | 310 | 57 | 371 |
| Lija/Lamann/Durdi | 58 | 290 | 32 | 209 |
| Attard | 25 | 125 | 27 | 176 |
| Balzan | 20 | 100 | 14 | 91 |
| Birkirkara | 89 | 445 | 134 | 871 |
| Kaprat | 8 | 40 | | |
| Qormi | 102 | 510 | 91 | 592 |
| Żabbar | 18 | 90 | ? | ? |
| Tmin Assant | 10 | 50 | ? | ? |
| Bisqallin | 14 | 70 | ? | ? |
| Ġwann/Bisbud | 40 | 200 | ? | ? |
| Ghaxaq | 28 | 140 | ? | ? |
| Gudja | 38 | 190 | ? | ? |
| Luqa/Gudja/Farruġ | 65 | 325 | 70 | 455 |
| Saflieni/Hellul | 12 | 60 | ? | ? |
| Tarxien | 18 | 90 | 23 | 150 |
| Mqabba/Safi/Kirkop | 55 | 275 | 54 | 352 |
| Żurrieq | 61 | 305 | 131 | 852 |
| Dubaqra/Bakkari | 19 | 95 | | |
| Kbir | 24 | 120 | | |
| Xluq | 17 | 85 | 8 | 52 |
| Siġġiewi | 81 | 405 | 108 | 702 |
| Lew/Qrendi | 27 | 135 | 14 | 91 |
| Millieri | 14 | 70 | | |
| Tabuni | 11 | 55 | | |
| Qdieri | 13 | 65 | | |
| Żebbuġ | 103 | 515 | 136 | 845 |
| Rabat | 234 | 1170 | 214 | 1391 |
| Mdina | 190 | 955 | 185 | 1203 |
| *TOTAL* | *1667* | *8335* | *1517* | *9829* |

*Riferenza*: S. Fiorini, "Malta in 1530", Victor-Malia Milanes (Ed). Hospittaler Malta 1530-1798 (1993), p. 122

### L-Għadd ta' Nies fil-Mosta

Mhix ħaġa ħafifa tkun taf b'eżatt kemm kien hawn nies fil-gżejjer Maltin fiż-Żmenijiet tan-Nofs u aktar u aktar f'imkejjen partikulari. Biss minn lista ta' suldati tad-Dejma ta' l-1419-20 u oħra ta' nies li ħteġilhom jagħmlu xogħol fuq il-ħarsien tas-swar ('angara' jew 'corvée') ta' l-elf, erba' mija u tmenijiet, wieħed jista' jagħmel stima tal-popolazzjoni. F'Malta u Għawdex insibu qrib l-10,000 ruħ, bir-Rabat, l-Imdina, in-Naxxar, Birkirkara, Bir Miftuħ, is-Siġġiewi u xi rħula oħrajn l-aktar imgħammra bin-nies. Fl-1419 f'Mosta / Kalleja nsibu madwar il-310 persuni u 165 ruħ f'Pessa / Dimech (Dimag), b'kollox madwar 475 ruħ; fl-elf erba' mija u tmeninijiet, jiġifieri xi ħamsa u sittin sena wara, insibu madwar it-371 ruħ imniżżla taħt Musta / Kalleja waqt li 111 ir-ruħ oħra tniżżlu taħt Naxxar / Musta, b'kollox madwar l-482 ruħ[5].

### 'Casali' u 'Parrocchie'

L-importanza ta' belt u l-kobor ta' raħal f'dak li hu għadd ta' nies, kien jitlob illi l-post isir "parroċċa". Kronoloġikament l-ewwel insibu parroċċi lill-Imdina u lill-Birgu u mbagħad, l-għaxar parroċċi msemmijin fir-'Rollo' tas-senatur de Mello fl-1436. Dawn kienu n-Naxxar, Birkirkara (insibuha ġa parroċċa fl-1402), Birmiftuħ, Ħal Qormi, iż-Żejtun (Santa Katerina), iż-Żurrieq, is-Siggiewi, Ħaż Żebbuġ, Ħad Dingli u l-Mellieħa. Minn dawn l-imkejjen Ħad Dingli u l-Mellieħa kienu ntemmu bħala rħula sa mitt sena wara (għalkemm il-Mellieħa, kif għedna, baqgħet tissejjaħ 'parroċċa') u Birmiftuħ beda jissejjaħ bħala l-Gudja wara li nqasam f'parroċċi oħrajn. Kull waħda minn dawn il-parroċċi jew ċentri għall-kura ta' l-erwieħ ('cura animarum') kellha għadd ta' rħula żgħar jiddependu minnha. F'Għawdex insibu parroċċi il-'Chiesa Matriċe' fil-Kastell u l-Knisja ta' San Ġorġ fir-Rabat. Il-Mosta, m'għandniex xi ngħidu, b'popolazzjoni żgħira ħdejn l-irħula li semmejna, ma setgħetx tissejjaħ 'parroċċa' u baqgħet tagħmel sehem mill-'matrici' tan-Naxxar sal 1608[6].

### Ismijiet u Kunjomijiet

Il-lista tan-nies tad-Dejma fl-1419-20 tagħtina l-ismijiet u l-kunjomijiet tal-kotra tal-Maltin, irġiel bejn it-18 u l-65 sena, li kellhom iservu fil-milizzja. Dawk tal-Mosta insibuhom imsemmijin taħt 'Casali Bise et Dimag' u 'Casali Calleja et Musta'(7). Ħarsa lejn l-ismijiet ta' l-irġiel turi li l-ebda isem ma jiddomina għal kollox fuq l-oħrajn għalkemm ismijiet bħal Xmun, bil-varjazzjonijiet tiegħu, imsemmi seba' darbiet, Antonio (6 darbiet), Guliermu (6 darbiet), Pawlu (5 darbiet), Giovanni (5 darbiet), Nikol (4 darbiet) u Tumas (4 darbiet) jisbqu lill-oħrajn, f'ħafna każi msemmijin darba biss. Jolqtok in-nuqqas għal kollox ta' l-isem Ġużepp jew xi varjazzjoni tiegħu. Għalkemm

## Appendix C

| TABLE III | | | |
|---|---|---|---|
| CAPPELLA | 1419 | 1436 | 1480 |
| Mdina | 950 | (1000) | 1480 |
| Rabat | 1170 | 1198 | 1391 |
| Naxxar | 985 | 865 | 1627 |
| Birkirkara | 920 | 960 | 1347 |
| Qormi | 510 | 580 | 592 |
| Birmiftuh | 750 | 722 | 958 |
| Żejtun | 550 | 675 | (700) |
| Siġġiewi | 730 | 675 | 754 |
| Żebbuġ | 515 | 531 | 845 |
| Żurrieq | 605 | 580 | 943 |
| Dingli | 325 | 104 | 169 |
| Birgu | (104) | 104 | (104) |
| *ESTIMATED TOTAL* | *8339* | *8098* | *10633* |

*Riferenza*: S. Fiorini, "Malta in 1530", Victor-Malia Milanes (Ed). Hospittaler Malta 1530-1798 (1993), p. 126

'Josephus' kien komuni mhux ħażin fost il-Lhud f'Malta fis-seklu 15, kien għadu ma qabadx f'Malta fost l-insara. L-ebda qima lejn San Ġużepp ma tissemma f'Malta sa tmiem is-seklu 15, l-ebda knisja jew kappella ma nsibu msemmija għalih. U kemm fil-Mosta kif ukoll f'Malta kollha ma nsibu mhux biss l-isem Ġużeppi iżda langas 'Carmel' (Karmenu) jew 'Publius'(8). Imbagħad, fil-Mosta nsibu ismijiet bħal 'Sumi', 'Brancatu', 'Gamusu','Culajta', 'Nużu' u xi oħrajn li llum qatt m'għadhom jissemmew.

Ħarsa lejn il-kunjomijiet turina illi l-aktar komuni fil-Mosta kien 'Galea' (Galie) u 'Bartolo' (Bartalu) msemmijin seba' darbiet kull wieħed. Ma nistagħgbux illi 'Calleja' hu wkoll populari xi ftit f'Casali Calleja et Musta' (imsemmi erba' darbiet). Calleja hu lingwistikament u ġjografikament marbut man-naħa magħrufa bħala 'il-Qlejgħa' fil-Mosta. Iżda dan il-kunjom insibuh imxerred ukoll f'irħula oħrajn. Fil-lista tad-Dejma bejn għoxrin u tletin kunjom insibuhom marbutin mill-qrib ma' xi post fil-gżejjer Maltin. Hekk, ngħidu aħna, il-kunjom Attard insibuh l-aktar f'Ħat-Attard jew fil-qrib ħafna tiegħu. Fil-Mosta, iżda, l-anqas Attard wieħed ma nsibu. Ħafna kunjomijiet iżda nsibuhom mxerrdin fuq għadd ta' erba' jew ħames irħula f'xi naħa definita ta' Malta. Hekk, ngħidu aħna, il-medda art li tħaddan lil Birkirkara, in-Naxxar, Ħal Lija, Ħal Balzan, il-Mosta u Ħal Għargħur insibu fiha tista' tgħid il-kunjomijiet kollha Borg (Burgi), Seichel, Xerri, Fenech u Xiberras kif ukoll, bħal ma rajna, il-kunjom Bartolo(9). Xi kunjomijiet fil-Mosta jixirqilhom tifsira ċkejkna. 'Pisani' (Pisan, Pisanu) jista' jkun li ġej minn Ħal Pessa jew Pissa ħdejn il-Mosta – fil-lista tad-Dejma insibuh imniżżel 'Bise' u magħqud ma' 'Dimag'. Infatti ħafna mill-Pisanijiet fl-1419 insibuhom joqogħdu mhux aktar minn żewġ jew tliet mili bogħod minn 'Bise'. Biss jista' jkun ukoll illi l-kunjom tnissel mill-belt Taljana ta' Pisa. Il-kunjom 'Viniciano' li ma nsibuhx fil-Mosta seta' tnissel jew minn Ta' Vnezja jew minn Venezja fl-Italja. Il-kunjom 'Cumbo' (Cumbu) hu x'aktarx marbut mat-Torri Cumbo fil-Mosta li wara l-ġrajjiet tal-1526(10) isir rari ħafna f'dan ir-raħal. Xi kunjomijiet bħal 'Muzangar', 'Felu', 'Burasi', 'Chakin', 'Haleu', 'Zarur', 'Cagege' u oħrajn ma damux ma għebu għal kollox mill-Mosta.

### Sehem il-Mostin fil-Ħarsien tal-Gżira

Fiż-Żmenijiet tan-Nofs, il-Mostin kellhom huma wkoll jieħdu sehem kemm kif rajna, fid-Dejma u kemm fl-Angara, il-ħarsien tas-swar. Kienu meħlusin biss in-nisa, it-tfal taħt it-18-il sena, l-irġiel 'l fuq minn 65 sena u l-qassisin. Minn popolazzjoni ta' madwar l-480 ruħ fil-Mosta kellhom jieħdu sehem fid-Dejma fl-1419-20, 33 raġel minn Pessa / Dimag u 62 raġel minn Musta / Calleja. Fil-lista ta' l-angara ta' l-elf, erba' mija u tmeninijiet insibu li 17-il raġel minn Musta / Naxxar u 57 wieħed minn Musta / Calleja(11). Wieħed minn dawk tad-Dejma, Gaddu Calleja, imniżżel b'sinjal C 1 wara ismu, kien x'aktarx aktar tat-tajjeb minn oħrajn u kellu jipprovdi żiemel ('caballus') jew xi bhima oħra tajba għall-irkib(12). Fil-lista tad-Dejma msemmija wieħed jinnota ittri jew sinjali oħrajn qabel jew wara l-ismijiet tan-nies. Ma nafux kollha xi jfissru izda l-

## Appendix D

[f. 4] iiii

*Casali Bise et Dimag*

| | | |
|---|---|---|
| | Niculozu Lukisi Rundunu | |
| o | Antoni Samud | f |
| m | Julianu Mifsud | |
| m | Gullielmu Maltisi | f |
| o | Paulu Maltisi | |
| o | Johanni Axac | f |
| o | Gintil Axac | |
| o | Andrea Bartalu Palac | f |
| o | Lenzu Sejkil | f |
| o | Johanni Bartalu | |
| o | Paulu Hellul | |
| o | Ximuni Turuntinu | |
| mu | Thumasi Buhalar | f |
| m | Salvu Buhalar | f |
| o | Antoni Fenec | |
| o | Grigori Axac | f |
| m | Masi Galie | |
| o | Andrea Galea | |
| o | Fidericu Xuerib | f |
| o | Lemu Bartalu | |
| o | Micheli Bartalu | |
| o | Danzu Bartalu | |
| m | Nuzu Dibonu | |
| m | Thomeu Muzangar | |
| | [Total] xxiiii | |

[f. 4v]

| | | |
|---|---|---|
| m | Benedittu Lukisi | |
| m | Nardu Pisan | f |
| m | Orlandu Galie | f |
| m | Ximuni Mahanuc | |
| m | Paulinu Burgi | f |
| -- | Dominicu Axac | |
| m | Ximuni Burgi | |
| o | Nucuiettu Galie | f |
| o | Paulinu Curmi | |
| | [Total] viiii | |

[f. 7v]

*Casali Calleya et Musta*

| | | |
|---|---|---|
| o | Micheli Felu | |
| o | Muni Felu | |
| m | Ximuni Maltisi | f |
| o | Nardu Burasi | f |
| m | Luca Dalona | f |
| o | Ximuni Bertelli | f |
| m | Salvu Pisanu | f |
| m | Angelu Dinkille | f |
| o | Jacubu Calleja | f |
| o | Thumeu Fenec | f |
| o | Antoni Chumi | f |
| o | Deunisi Xeberasi | |
| m | Bernardu Lukisi | |
| o | Johanni Calafatu | |
| o | Chiccu Galie | |
| o | Nuzu Spiteri | |
| o | Julianu Chakim | |
| m | Culajta Xerri | |
| o | Jakinu Hajculina | |
| m | Marcu Bindin | |
| o | Antoni Muzangar | f |
| o | Gullielmu Haleu | |
| m | Mariu Bartalu | |
| o | Rugeri Busitin | f |
| m | Bernardu Camilleri | f |
| m | Ximuni Camilleri | f |
| m | Gamusu Haleu | |
| | [Total] xxvii | |

[f. 8] viii

| | | | |
|---|---|---|---|
| o | Aguistinu Camilleri | f | |
| m | Fidericu Busitin | f | |
| m | Andrea Dinkille | f | |
| o | Paulu Galie | | |
| o | Cola Hakim | | |
| o | Stefanu Hakim | | |
| o | Gullielmu Bindinu | f | |
| m | Pascalinu Cagege | f | |
| o | Antoni Galie | f | |
| o | Thumeu Cuzin | | |
| o | Micheli Gristi | f | |
| o | Johanni Dibonu | | |
| o | Nuzu Camenzuli | | |
| m | Ximuni Cumbu | | |
| m | Gulinu Guaractu | | |
| o | Jacubu Cumbu | | |
| o | Gullielmu Zarur | f | |
| o | Lichardu Bartalu | | |
| o | Luca Calleja | | |
| o | Gaddu Calleja | | C 1 |
| m | Niculozu Calleja | | |
| m | Muni Camenzuli | | |
| o | Randinu Bartalu | | |
| o | Antoni Muzangar | | |
| o | Gullielmu Cagege | | |
| m | Johanni Mahanuc | | |
| o | Brancatu Curmi | | |
| -- | Aluysi Spiteri | | |
| | Sumi [or Sunu] Fenec | | |
| | [Total] xxviii | | |

*Riferenza*: G. Wettinger, The Malta List of 1417-20: A New Starting Point for the Study of Malta's Population (1969), pp. 10

ittra "m" tidher li tfisser "marina", għassa matul ix-xtut, l-ittra "o" tfisser "omissis", xi ħadd eżentat mill-għassa tax-xtut, is-sinjal – ifisser illi rġiel bħal Domenicu Axac u Aluysi Spiteri ħteġilhom jagħmlu l-għassa mas-swar ta' l-Imdina, "mu" x'aktarx tfisser "mastru", mastru-bennej jew mgħallem tas-sengħa. Fil-Mosta nsibu fl-1419-20 lil Thumasi Buħagiar b"mu" qabel ismu[13]. Hemm ukoll fil-lista tad-Dejma s-sinjali "p", "r" u xi sinjali oħra iżda ma nsibux irġiel fil-Mosta b'marki bħal dawn[14].

Fejn kienu jagħmlu għassa l-Mostin? Il-ħarsien ta' l-imkejjen ta' l-għassa[15] kien normalment jitħalla f'idejn l-eqreb irħula. L-Imġarr (Mi Jarru) jew aħjar il-Lippija kien imħares minn irġiel minn Ħal Dragu, Ħal Pessa, Ħal Dimag u n-Naxxar b'erbat irġiel biss mis-Siġġiewi, tnejn mir-Rabat u wieħed minn Birkirkara. Għajn Tuffieħa ('Hayn Tufaha') kienet imħarsa minn tlettax-il raġel minn Calleja / Musta u wieħed minn Ħal Dragu, wieħed mir-Rabat u ieħor minn Naxxar. L-irġiel tan-Naxxar kellhom jieħdu sehem ukoll fil-ħarsien ta' Għajn Rażul ('Razun'), San Pawl il-Baħar ('Santu Paulu'), Buġibba ('Bu Jubbe') u Burmarrad ('Bn Rata'). Bir-il-Baħar ('Bir ilbahar'), x'aktarx Ras Għallis, kien imħares l-aktar mill-irħula ta' Ħal Għargħur u Sammut (il-Madliena) iżda ħadu sehem ukoll irġiel minn Bise (Pessa), Dimag, Lija, Attard, Balzan u Birkirkara[16]. Dan li qegħdin ngħidu jgħodd għall-għassa ta' l-1417 u xi tibdil 'l hemm u 'l hawn kien iseħħ minn żmien għal ieħor. Kultant tibdil kien ikun meħtieġ minħabba xi emerġenza. Nhar is-Sibt 5 ta' Ottubru, 1482 il-Kunsill Popolari ddibatta kif kellha tkun magħmula l-għassa ta' erba' mkejjen 'l fuq mill-Imdina – Blat il-Mogħża, Lippija, Għajn Tuffieħa u l-Għemmieri. Kien ġara li dawn il-postijiet, uħud minnhom inħarsa mill-Mostin, kienu tħallew bla ħarsien għaliex l-għassiesa kienu ttieħdu jaħdmu fuq il-fortifikazzjonijiet ta' l-Imdina. Għalhekk inqatgħet illi l-irġiel kellhom jintbagħtu lura lejn l-għases tagħhom[17].

Għallkemm in-nies tad-dejma kienu normalment jintbagħtu jħarsu l-eqreb imkejjen, xorta waħda ħafna drabi kien ikollhom darba fil-ġimgħa iterrqu mixja li tgħajjihom ta' żewġ mili jew tlieta, u kultant aktar ukoll, 'l hemm u 'l hawn wara l-ħidma iebsa ta' jum. Jidher illi kważi l-irġiel kollha ta' l-Imdina kienu jaqdu dan id-dmir iżda mhux hekk fl-irħula. Insibu li b'mod ġenerali kważi nofs l-irġiel jew aktar ukoll kien jirnexxilhom jiksbu eżenzjoni f'xi sena partikulari (fil-lista tad-Dejma nsibu "o" wara isimhom). In-Naxxar li fl-1419 kellu 92 raġel imniżżel biex jieħu sehem fid-Dejma, ipprovda xejn anqas minn 53 ruħ għall-għassa tat-xtut, izda Calleja / Musta bi tnejn u sittin raġel bejniethom ipprovdew biss tmintax-il raġel għall-għassa [18]. Tgħid kienu brikkuni aktar minn ħaddieħor il-Mostin?

## Xi Tagħrif Ieħor Ċkejken

Mhix ħaġa ħafifa ssib tagħrif ta' xejra ekonomika-socjali fuq raħal hekk ċejken bħal ma kien il-Mosta fiż-Żmenijiet tan-Nofs iżda xi ċekċik 'l hawn u 'l hinn ma jonqosx li miltaqgħu miegħu. Il-Mosta tidher li kienet post kwiet b'nies sewwa, dejjem bieżla u mehdijin f'xogħolhom. Izda kien hemm Mostin li bħal irġiel f'inħawi oħrajn kienu jtuha għat-tveren, għall-inbid u għall-logħob ta' l-ażżard, wara xi jum ta' ħidma iebsa. Kull logħob ta' l-ażżard magħdud ir-'rullu sive rucellu' kien ipprojbit f'inħawi u fi drabi differenti. Insibuh, ngħidu aħna, ipprojbit f'Ħal Lija fl-1478 u fil-Mosta u fl-inħawi tagħha b'amar tat-23 ta' Lulju, 1479[19].

Kultant ir-raħal tal-Mosta kien jissemma fit-tajjeb. Fil-knisja ċkejkna ta' Wied Żiri (Wied is-Sir), illum

## Appendix E

The militia-men of Malta in 1419-20 were distributed as follows:[7]

| | | | |
|---|---|---|---|
| Tartarni/Dinkili | 40 | Zabar | 18 |
| Gumerinu | 25 | Temim Assant | 10 |
| Dragu/Gazara/Maricatu | 32 | Pascualinu | 14 |
| Bise/Dimag | 33 | Johanni/Buzubudi | 40 |
| Grigori/Samud | 43 | Axac | 28 |
| Naxaru | 92 | Gudia | 38 |
| Calleja/Musta | 62 | Sifilani/Gallun | 12 |
| Lamanni/Burdi | 16 | Mitarxen | 18 |
| Lia | 26 | Luca/Farrug | 27 |
| Atardu | 25 | Micabibe | 21 |
| Balzan | 20 | Percopu | 16 |
| Bircalcara | 89 | Safi | 18 |
| Capurat | 8 | Zuricu | 61 |
| Curmi | 102 | Bubakira/Backari | 19 |
| Kibli | 24 | Tabuni | 11 |
| Xilloc | 17 | Cuderi | 13 |
| Sigeui | 81 | Zebugi | 103 |
| Leu/Carendi | 27 | Rabat | 234 |
| Milleri | 14 | Civitas (Mdina) | 132 |

Giudecca (Mdina) 58

Total: 1667

*Riferenza*: G. Wettinger, The Malta List of 1419-20: A New Starting Point for the Study of Malta's Population (1969), p. 3

imwaqqa', kien hemm pittura tal-Madonna li milli jidher kienet magħrufa sewwa. Fid-19 t'Ottubru, 1496, il-Patri Johannes Antonius Pulcella, "pictor" (il-pittur), fil-preżenża tal-prokuratur Blasius Attardu u Lysterius Attardu, iffirma kuntratt li bih intrabat li jpitter it-titular tal-knisja l-ġdida tal-Madonna f' Ħ'Attard jixbah lil dik tal-Madonna fil-Knisja ta' Wied Żiri ('Gued Ziri') fil-Mosta. Pulcella kellu jitħallas is-somma ta' disa' fjorini f'erba' pagamenti separati bejn Ottubru u l-Għid il-Kbir tas-sena ta' wara, meta kien mistenni li jitlesta x-xogħol tal-pittura. Jekk il-pittura f'dak li hu suġġett u f'dak li hu kulur ma kenitx tixbah lil dik tal-Mosta, Pulcella kellu jitlef flusu. Għall-kuntrarju, iżda, jekk il-pittura kellhatoħroġ xogħol aħjar minn dik tal-Mosta, il-pittur kellu mhux biss jitħallas ta' xogħolu kif miftiehem izda jingħata wkoll rigal ta' "muntun kastrat" għall-Għid[20]. Din il-ġrajja hi xhieda tal-pika li kienet diġà issaltan bejn l-irħula, pika li kienet tqanqal raħal biex jegħleb ieħor f'tiżjin ta' knejjes u armar ta' festa.

### It-"Torok" Fil-Mosta

Intemmu bi ġrajja kerha, ġrajja ta' swied il-qalb għall-Maltin u aktar u aktar għall-Mostin. Fl-1526 wara attakk għall-għarrieda mill-kursari ta' Barberija mmexxijin minn Rajjes Sinan, il-Mosta kienet għodda tbattlet mill-popolazzjoni li sa dak iż-żmien kienet ħabtet tikber mhux ħażin. Inħallu lil Vassallo jgħidilna l-istorja kollha: "...it-Torok (sic.)...niżlu bil-lejl in-naħa ta' Buwarrat, daħlu ġewwa l-art, sbukkaw il-Mosta, li kien raħal sabiħ u bin-nies, u ħadu erba' mitt ruħ ilsiera, fosthom għarusa bil-ħaddara kollha. Din kienet il-għarusa tal-Mosta li għadna nsemmuha sal-lum..."[21] Gian Franġisk Abela jgħidilna illi n-nies tal-Mosta ħtiġilhom ibigħu arthom ħalli jkunu jistgħu jirgħanu lilhom infushom jew lil qrabathom u b'hekk mhux Mosti wieħed jew tnejn waqa' f'faqar kbir[22]. Dan biex ma nsemmux l-epidemija tal-pesta li laqtet lil Mosta u lill-Mostin fl-1592-93, iżda din hi ġrajja ta' żmenijiet oħra, żmien il-ħakma tal-Kavallieri ta' San Ġwann meta nistgħu ngħidu illi kienu ntemmu ż-Żmenijiet tan-Nofs.

Dan, mela, li nistgħu nlaqqtu dwar il-ġrajja tal-Mosta fiż-Żmenijiet tan-Nofs. Bħal l-istorja ta' Malta kollha kemm hi, li nafu dwar il-Mosta u l-Mostin hu biss farka waħda minn dak li ġara qabel l-1530. Iżda wkoll tagħrif ċkejken bħal li tajna jixħet dawl, bati kemm hu bati, fuq ħajjet misserijietna ta' l-imgħoddi.

## Appendix F

[f. 16v] *alu mijarru*

| | | |
|---|---|---|
| Lemu Bartulu<br>Andrea Fenec<br>Paulinu Burgi | die dominica | |
| Orlandu Gallo<br>Lemu Bartalu<br>Luca Calleya | die luni | C 1 |
| Gaddu Bartalu<br>Johanni Xuerib<br>Antoni Feneo | die marti | |
| Antoni Samud<br>Lenzu Seykil<br>Antoni Brancatu | die mercuri | C 1 |
| Gullielmu Maltisi<br>Benedittu Dayona<br>Jaquinu Muhumud | die jovi | C 1 |
| Paulu Maltisi<br>Benedittu Dallu<br>Gullielmu Staferagi | die veneri | C 1 |
| Johanni Buhaiar<br>Johanni Zabara<br>Thumeo Tabuni | die sabati | C 1 |

R. Jacupu Cadum R.

[f. 17] *guardia hayn tufaha*

| | |
|---|---|
| Johanni Muzangar<br>Andrea Curcurullu<br>Ximuni Mautisi | die dominica |
| Ximuni Bertelli<br>Dounisi Xobirasi<br>Marcu Bindinu | die luni |
| Julianu Hakim<br>Culayta Xerri<br>Fideriou Busitin | die marti |
| Antoni Mahaduf<br>Fidericu Xikilune<br>Jakinu Calleya | die mercuri |
| Jacobu Cumbu<br>Gulinu Guaractu<br>Thumeo Cuzinu | die jovi |
| Johanni Dibonu<br>Pascualinu Cagege<br>Johanni Mahanuo | die veneri |
| Arrigu Xerri<br>Lenzu Frendu<br>Dimitri Haluz | die sabati |

R. Jacupu Cadum R.

[f. 19v] *bir ilbahar*

| | | |
|---|---|---|
| Johanni Buhalar<br>Ximuni Burgi<br>Johanni Skembri | die dominica | C 1 |
| Andrea Chillo<br>Andrea Seykil<br>Thumeo Buhalar | die luni | |
| Marcu Bartolu<br>Manfro Bozino<br>Pascualinu Xobiras | die marti | |
| Cola Buhalar<br>Burdinu Samud<br>Angilu Galata | die mercuri | |
| Parisi Ponzu<br>Ximuni Bartalu<br>Mariu Grecu | die jovi | C 1 |
| Aguystinu Kiticuti<br>Salvu Bindinu<br>Jacobinu Ponzu | die veneri | |
| Marcu Farmusi<br>Petru Ilili<br>Benedittu Mifsud | die sabati | |

R. Petru Busitin

*Riferenza*: G. Wettinger, "The Melita Roster of Watch Duties of 1417", The Armed Forces of Malta Journal, No. 32 (October, 1979), pp. 35-37

**REFERENZI U NOTI:**

1. Ara Appendiċi A.
2. G. Wettinger, "The Lost Villages and Hamlets of Malta" f' Medieval Malta (1975), pp. 184-185.
3. ibid., p. 189
4. G. Wettinger, "The Militia List of 1419-20: A New Starting Point for the Study of Malta's Population, (Malta 1969)," p. 5
5. Ara Appendici B. G. Wettinger op. cit. (1969), pp. 4-5; S. Fiorini, "Malta in 1530" f' V. Mallia Milanes (Ed.) Hospitaller Malta 1530-1798: (1993), p. 122.
6. Ara S. Fiorini, "Status Animarum I: A Unique Source for 17th and 18th Century MalteseDemography", Melita Historica, VIII, No 4 (1983), pp. 331-332; S. Fiorini op. cit (1993), pp. 117 ff.
7. Ara Appendici D.
8. G. Wettinger, op. cit (1969), p. 7.
9. G. Wettinger, "The Distribution of Surnames in Malta in 1419 and the 1480's, "Journal of Maltese Studies", 5 (1968), p. 29. Fl-1419 insibu tlieta min-nies bil-kunjom Sant ('Assant') wieħed fi Dragu / Gazara / Maritatu, wieħed fi Grigori / Samud u ieħor fir-Rabat. Fis-snin elf erba' mija u tmeninijiet niltaqgħu ma' żewġ kunjomijiet Sant, it-tnejn fin-Naxxar (ibid., p. 45).
10. Ara aktar 'il quddiem.
11. Ara Appendiċi B u E.
12. G. Wettinger, op. cit (1969), p. 12.
13. ibid., p. 10.
14. G. Wettinger, "The Militia Roster of Watch duties of 1417", The Armed Forces of Malta Journal No 32, October 1979, p. 30.
15. Għall-lista sħiħa ta' dawn l-imkejjen ara ibid., p. 28.
16. ibid., p. 28. Ara wkoll Appendici F
17. E. R. Leopardi, "Bandi Transactions of the Consiglio Popolare etc. of the XV Century", Melita Historica, Vol 2 No 4 (1959), p. 259; G. Wettinger, Acta Juratorum et Consilii Civitatis et Insulae Maltae (1993), pp. 832-833.
18. G. Wettinger, op. cit (1979), p. 29.
19. Ara Leopardi, op. cit (1959), p. 252; Fiorini, op. cit (1993), p. 196; Wettinger, op. cit (1993), p. 706. Il-Bandu nqara minn Pino de Luna fir-raħal tal-Mosta. Il-logħob tar-'rullu', x'aktarx logħob ta' l-azzard, ma setax isir fil-Mosta u fl-inħawi magħrufa bħala 'Bel Guytan'. Dawk li jinstabu ħatja kellhom jeħlu multa ta' 30 karlin, ħmistax imorru għall-Kaptan (tad-Dejma) u l-ħmistax l-oħra għall-ħarsien tas-swar.
20. A. Luttrell (Ed.), Hal Millieri: A Maltese Casale, Its Churches and Paintings (1976), Appendix, "Artistic Patronage in Malta; 1410-1538", pp. 111-112.
21. Gananton Vassallo, Storja ta' Malta miktuba għall-Poplu (Edizzjoni 1948), pp. 73-74. Ikompli jgħidilna Vassallo: "Fejn kienu, dik il-lejla, il-għases tad-Dejma? Fejn kienu s-suldati Spanjoli?... Il-Viċire' ħadha mal-kaptan tad-dwana, Girolmo Campo; neħħieh minn kaptan u bagħat floku ieħor, Ganni Ribes. Izda ma kienx ġie dana Ribes bħala kaptan tas-suldati biss; il-Viċire' kien tah li jista' jindaħal fi ħwejjeġ oħra wkoll, illi kienu ta' l-Universita' u l-kunsill..."
22. G. F. Abela, Descrittione di Malta (1647), p. 83.



